# P. Ġużepp M. tal-Qalb ta' Ġesù

**(1787-1868)**

*Patri Ġużepp M. Abela tal-Qalb ta' Ġesù baqa' magħruf fostna bħala l-Prepostu Ġenerali ta' l-Ordni minn Ħal Għaxaq. Imma l-kronisti li niżlu b'tifkira għal dejjem l-istorja tiegħu jsemmu wkoll l-għaqal tiegħu fit-tmexxija kemm ta' l-Ordni u kemm ta' l-erwieħ, l-imħabba li kellu għat-tagħlim u l-foqra, u fuq kollox il-qdusija umli li għex sa l-aħħar ta' ħajtu.*



## L-Ewwel Snin

Patri Ġużepp Marija twieled Ħal Għaxaq fit-2 ta' Novembru 1787 minn Gejtu Abela u Marija mwielda Saliba. Għaxart ijiem wara ġie mgħammed fil-knisja tar-raħal mill-kappillan Arkanġlu Farrugia u ġie mogħti l-ismijiet ta' Salvu, Mario, *Ġużeppi*, Teodoru u Innoċenz. Il-parrinijiet kienu l-Għaxqin Ġużeppi Saliba u Antonia mart Pietru Mallia.

Minn tfulitu t-tfajjel Ġużeppi Abela wera xeħta ta' ħajja mimlija għerf u qdusija. Hu għamel l-istudji tiegħu fis-seminarju tad-djoċesi, li dak iż-żmien kien l-Imdina. Hu ġie ordnat djaknu fit-23 ta' Diċembru 1809 mill-Isqof Ferdinando Mattei u saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1811 mill-istess isqof. Ġużeppi mexa tant 'il quddiem fl-istudji tiegħu fis-seminarju li ftit wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, ir-Rettur tas-seminarju għażlu bħala għalliem fil-klassijiet għoljin tas-seminarju. Dun Ġużepp inxteħet b'ruħu u ġismu fil-ministeru tiegħu ta' saċerdot-għalliem, iżda saħħtu ma ħallitux iwettaq din il-missjoni għat-tul ta' żmien li kien xtaq hu u kellu jħalli din il-ħidma tiegħu. Hekk kif ħa saħħtu mill-ġdid, f'Ħaż-Żabbar fetaħ skola għall-kjeriċi u s-sekulari ta' dawk l-inħawi.[1] Minn Ħaż-Żabbar mar il-Belt u beda jagħti lezzjonijiet tal-grammatika, rettorika u filosofija. L-istudenti fqar jew dawk li ftit li xejn setgħu jħallsu għall-istudju tagħhom ma kienu jħallsu xejn, fil-waqt li l-flus li kien jitlob mingħand min kellu minn fejn iħallas kienu jmorru kollha f'għajnuna għall-foqra. Jerġa', l-istudenti ma kinux iħallsu meta kienu negliġenti jew moħħhom ma jtihomx. Fi ftit xhur Dun Ġużepp ġibed lejn daru għadd ta' erwieħ, fosthom il-Beatu Nazju Falzon u Mons. Pawlu Micallef, għal xi żmien Ġeneral ta' l-Ordni Agostinjan u mbagħad Arċisqof ta' Pisa. Ma naqasx milli jgħin lil għajru b'kull mod u sar imfittex ħafna għall-pariri siewja tiegħu u għad-direzzjoni spiritwali.

## Karmelitan Tereżjan

Alla ried isejjaħ lil Dun Ġużepp għal missjoni ikbar. Bil-mod il-mod is-saċerdot żagħżugħ beda jħoss li Alla kien qiegħed isejjaħlu biex jimxi warajh fil-ħajja reliġjuża. Ħalla din is-sejħa tikber fih sakemm fl-età ta' 46 sena ddeċieda li jidħol patri Karmelitan Tereżjan. Fix-xahar ta' Awissu 1833 tela' Ruma u talab li jiġi aċċettat fl-Ordni Karmelitan Tereżjan bħala membru tal-Kongregazzjoni Taljana ta' San Elija.[2] Kif jirriżulta mill-arkivju tal-Provinċja Rumana, Dun Ġużepp beda n-novizzjat tiegħu nhar it-12 ta' April 1834 fil-kunvent ta' Santa Maria della Scala u ngħata l-isem ta' Patri Ġużepp M. tal-Qalb ta' Ġesu'.



Id-determinazzjoni u l-maturità tiegħu kienu tali li fi tmiem is-sena novizzjat, eżattament fit-13 ta' April 1835, għamel il-professjoni solenni f'idejn Patri Onorju ta' S. Tereża, Prepostu Ġenerali. Ftit wara li pprofessa ntbagħat jgħallem il-filosofija fil-kunvent ta' Caprarola. Il-ktieb ta' Ġrajjet il-Kunvent ta' S. Tereża, Bormla jgħarrafna li f'Mejju tal-1839 ġie magħżul Surmast tan-Novizzi, u għalhekk mar mill-ġdid fil-kunvent ta' S. Maria della Scala. Bilkemm kienet għaddiet sena meta nħatar Pirjol ta' l-istess kunvent bi ħdax-il vot minn sittax. Minħabba li Patri Ġużepp M. kien għadu m'ilux sitt snin profess, il-Kunsill Provinċjali unanimament tah id-dispensa.[3] Sentejn wara, l-uffiċċju ta' Pirjol tbattal mill-ġdid meta fit-30 ta' April 1842 id-Definitorju għażlu bħala Prokuratur Ġenerali ta' l-Ordni. Ftit wara ngħata wkoll l-uffiċċju ta' prokuratur tad-Dar Ġenerali, il-monasteru ta' Ronciglione, u l-kunvent ta' l-Għolja tal-Karmelu.[4] Imbagħad tfasslu istruzzjonijiet biex waqt li t-tmexxija tal-ħajja reliġjuża fil-kunvent tal-Karmelu u l-amministrazzjoni interna tiegħu tħalliet f'idejn il-Vigarju ta' l-Għolja, ir-Ruman Fra Giovanni Battista tas-Sagrament Imqaddes ġie magħżul prokuratur bil-mandat li jiġbor il-fondi meħtieġa għall-Għolja tal-Karmelu.[5] Jerġa', fi żmien meta kienu bdew iqumu dubji dwar l-opportunità li jkun hemm novizzjat f'Bormla, ġie mressaq quddiem id-Definitorju d-dokument li bih il-Kongregazzjoni għad-Dixxiplina tar-Regulari kienet waqqfet għall-ewwel darba l-kunvent f'dar tan-novizzjat fit-3 ta' Ottubru 1790.[6] Patri Ġużepp M. ħa sehem f'dawn iż-żewġ laqgħat tad-Definitorju, bħalma kien għamel f'tant oħrajn.[7]

**Prepostu Ġenerali**

Fil-karigi kollha li kien fihom, Patri Ġużepp M. Abela kien jistħoqqlu dejjem kull tifħir għad-dedikazzjoni, l-għaqal u l-għerf tiegħu. Hekk kif kien se jtemm il-ħidma tiegħu bħala Prokuratur Ġenerali, ġie msejjaħ biex imexxi l-Ordni bħala Prepostu Ġenerali. L-għażla tiegħu saret fl-24 ta' April 1847 mill-Kapitlu Ġenerali li kien qiegħed jinżamm f'Ruma. Aċċetta din il-kariga fuq insistenza tal-Kardinal Giuseppe Mezzofante, il-protettur ta' l-Ordni li kien qiegħed jippresiedi l-elezzjonijiet tal-Kapitlu.

Bħala Ġeneral, Patri Ġużepp M. Abela kien responsabbli għall-ħajja u l-ħidma ta' l-Ordni f'kull naħa tad-dinja 'l barra minn Spanja. Kien juża l-prudenza meta jitratta l-affarijiet ta' kull xorta ta' l-Ordni u ma naqasx milli jipprovdi għall-ġejjieni bit-tfassil ta' proġetti preċiżi u mwieżna tajjeb, bħalma kien għamel dwar it-tmexxija reliġjuża u finanzjarja ta' l-Għolja tal-Karmelu. Il-ħidma tiegħu f'Ruma, l-aktar bħala Ġeneral ta' l-Ordni, ġabitu f'kuntatt ma' tant ġrajjiet u persuni li llum huma parti mill-istorja ta' diversi provinċji. Fi żmien il-ġeneralat tiegħu, ħareġ istruzzjonijiet dwar l-awtorità tad-Definitorju Ġenerali u dwar il-ħajja komuni,[8] u s-Semi-Provinċja Flandro-Belġjana twaqqfet fi Provinċja mill-Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet u r-Regulari.[9] Ta' min isemmi wkoll li kien Patri Ġużeppi M. Abela li, flimkien mad-Definitorju tiegħu, ta l-permess biex żagħżugħ li kien ikkonverta mill-Ġudaiżmu jirċievi l-libsa Karmelitana Tereżjana u jipprofessa fil-provinċja ta' Aquitaine, fi Franza. Dan iż-żagħżugħ ma kien ħadd ħlief Herman Cohen, li iktar tard kellha tinfetaħ il-Kawża għall-Kanonizzazzjoni tiegħu.[10]

Biċċa xogħol iebsa li daħal għaliha meta kien Prepostu Ġenerali kienet il-viżta ġenerali li għamel tal-kunventi u l-monasteri ta' l-Ordni mxerrdin ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, li fiha dam ħmistax-il xahar (Lulju 1850 - Ottubru 1851). Patri Ġużepp M. bierek il-gżira ċkejkna tagħna matul din il-viżta kanonika. Id-data li fiha rifes mill-ġdid fuq art twelidu jingħad li hi t-22 ta' Settembru 1851.[11] Hekk jgħidu l-kronaċi tal-kunvent tagħna ta' Bormla: "22 ta' Settembru 1851 — Ġie jagħmel il-Viżta Kanonika ta' dan il-kunvent il-Wisq Rev. P. Ġużepp Marija tal-Qalb ta' Ġesù, Prepostu Ġenerali". Il-patrijiet ħatfu l-okkażjoni u għamlu pittura "ad vivum" tal-Ġeneral. Din il-pittura (li ftit ilu ġiet irrestawrata) ġiet imdendla fis-sagristija tal-Knisja ta' S. Tereża, Bormla fuq xewqa tal-komunità (1852), fejn għadha tinsab sal-lum.

Pajjiż ieħor li żar Patri Ġużepp M. kienet il-benniena ta' l-Ordni fl-Art Imqaddsa fl-1851. L-Għolja tal-Karmelu kienet għaddiet f'idejn il-Karmelitani Tereżjani kmieni fis-sbatax-il seklu. B'danakollu t-Torok kienu jsibu skuża jew oħra biex jġiegħluhom jitilqu minn dak il-post. Dan baqa' sejjer sakemm fis-snin bikrin tad-dsatax-il seklu, il-patri Malti Ġulju tas-Salvatur kiseb mill-Emir tal-Palestina *modus vivendi* li bih il-komunità ma setgħetx titkeċċa iżjed mill-pajjiż. Kien xieraq li l-Ġeneral li kien ħadem biex isaħħaħ il-



preżenza tal-patrijiet fuq l-Għolja tal-Karmelu, jissiġilla dak il-patt bil-preżenza tiegħu bħala l-pirjol uffiċjali tal-Karmelu u, fl-istess waqt, jagħmel il-qalb lil ħutu r-reliġjużi. Huwa kien l-ewwel Ġeneral li żar l-Għolja tal-Karmelu u għamel hemm l-ewwel Viżta Kanonika. Din iż-żjara kienet ta' siwi kbir għaliex Patri Ġużepp M. kiteb liġijiet u digrieti ġodda fuq il-ħajja reliġjuża. Dawn il-liġijiet u digrieti ġew aktar tard imdaħħlin fl-Atti u fl-Ordinazzjonijiet tal-Kapitlu u d-Definitorju Ġenerali, u sal-lum għadhom jiġu mħarsa mill-patrijiet fuq l-Għolja tal-Karmelu[12].

Bħalma f'Malta Patri Ġużepp M. kien id-direttur spiritwali ta' bnedmin bħal Nazju Falzon, hekk ukoll f'Ruma kiseb il-fiduċja u l-imħabba tal-Papa Piju IX, Beatu li kemm-il darba talab id-direzzjoni tiegħu fis-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni.

### F'Malta mill-Ġdid

Malli fl-1853 Patri Ġużepp M. temm is-sitt snin tal-ġeneralat tiegħu, huwa għażel li jiġi lura pajjiżu biex jgħaddi fil-kwiet l-aħħar jiem ta' ħajtu. Minħabba fl-umiltà li żejnet lil ħajtu, huwa xtaq jitwarrab fil-kwiet ta' kamartu. Imma Alla ħejjielu pjani differenti. Fl-10 ta' Ġunju 1856 id-Definitorju Ġenerali ta' Ruma għażluh Pirjol tal-kunvent ta' Bormla u l-istess għamlu tliet snin wara.[13] Kienu sitt snin li għaddihom fil-kunvent waħdieni li kellna f'Malta dak iż-żmien. Ma setax jonqos li kien midħla għallinqas ta' l-ewwel sforzi biex titwaqqaf is-semi-Provinċja ta' Malta, għax miegħu kien hemm bħala Surmast tan-Novizzi P. Ċirillu ta' Omm Alla, dak li kellu jibqa' magħruf bħala Missier il-Provinċja Maltija minħabba fit-tħabrik tiegħu biex jinkiseb dan l-għan. Iżda lanqas Patri Ċirillu ma raxx il-ħolma tiegħu sseħħ għaliex kellha tasal is-sena 1896 biex titwaqqaf uffiċjalment is-Semi-Provinċja ta' Malta.

Patri Ġużepp M. għadda l-aħħar snin ta' ħajtu fil-ġabra u d-direzzjoni spiritwali. Kwalità li kienet tisboq fih kienet il-ħila li jara r-rieda ta' Alla f'kull sitwazzjoni u jilqagħha bl-umiltà. Hekk jagħmlu l-qaddisin. Ukoll meta l-mard ġie jżuru f'forma ta' ġerħa f'siequ li kkankrat, ma naqasx milli juri l-qawwa tiegħu u jibqa' umli. Ħutu r-reliġjużi kienu xhieda tal-qdusija umli tiegħu. Miet fl-10 ta' Jannar 1868[14] u ġie midfun fil-kannirja tal-Knisja ta' S. Tereża, Bormla, taħt l-altar maġġur. Imma bnedmin li jkunu ħallew effett qawwi fuq il-ħajja ta' l-oħrajn mhux lakemm imutu u jintesew. Ukoll jekk ikunu ħabbew l-umiltà u l-ġabra ta' kamrithom. Imqar jekk ma jiddejqux li jintesew. Il-Kronaċi tal-kunvent ta' S. Tereża hekk jgħidu: "1868 — (...) fl-għomor ta' 80 sena ħalla din id-dinja biex jingħaqad ma' Alla fis-Sema r-reliġjuż qaddis tagħna (P. Ġużepp M. tal-Qalb ta' Ġesù) li minħabba l-virtujiet sbieħ tiegħu jistħoqqlu li jkollu post xieraq fil-ktieb ta' l-istorja ta' dan il-kunvent, u li t-tifkira tiegħu trid tgħaddi għand ħutu reliġjużi li għad jiġu warajh ..."

**P. Manwel Schembri OCD**

[1]Achille Ferres, "Descrizione strorica delle chiese di Malta e Gozo," 1866 p. 311.
[2]Il-Kongregazzjoni ta' San Elija kienet tħaddan fiha l-kunventi u l-monasteri Karmelitani Tereżjani 'l barra minn Spanja.
[3]Fil-fatt, fl-atti tad-Definitorju Ġenerali tad-9 ta' Lulju 1840 P. Ġużepp hu msemmi bħala l-pirjol ta' S. Maria della Scala. Ara "Acta Definitorii Generalis OCD 1766-1863", p. 414.
[4]Fl-4 ta' Mejju 1842, ara "Acta Def. Gen." o.c.
[5]Ara *Ibid.* 20 ta' Mejju 1844, p. 433. Ara wkoll l-atti tal-10 ta' Mejju 1845 (p. 439) dwar l-iżvolġiment ta' din il-kwistjoni.
[6]Ara "Acta Def. Gen." o.c. 2 ta' Ġunju 1843, pp. 426-427.
[7]Kif jidher mill-atti tad-Definitorju, kemm-il darba ħa sehem fil-laqgħat tad-Definitorju minħabba li skond il-liġijiet tagħna ta' dak iż-żmien, il-Prokuratur Ġenerali kien jidħol minflok xi membru li ma setax jattendi.
[8]Ara "Acta Def. Gen." o.c., pp. 465-467 u pp. 488-490 rispettivament.
[9]Ibid., p. 483.
[10]Ibid.,p. 470. Dwar Herman Cohen ara wkoll p. 478.
[11]Achille Ferres jagħti d-data tat-12 ta' Ottubru 1851, ara o.c. p. 312.
[12]Cyril Borg, "Patrijiet Tereżjani Maltin fuq il-Għolja tal-Karmelu", f'*Il-Messaġġier Tereżjan* 1964 n.2, p.49.
[13]Ara "Acta Def. Gen." o.c., p. 530 u p. 566.
[14]Din hi d-data li jagħti r-Reġistru Pubbliku flimkien mal-ħin tal-mewt, jiġifieri d-9.00 p.m. Il-Kronaċi tal-Kunvent ta' Bormla jaqblu mal-ħin tal-mewt, iżda jagħtu d-data tal-11 ta' Jannar 1868.

